**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Nru: 77/07 MLF**

**Mario Scerri**

**Vs**

**Darren u Charles Mifsud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuti jiġi kkundannati li jhallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin (LM4600) rapprezentanti valur tal-vettura Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni AAN 282, proprjeta' tal-attur u li tinsab fil-pussess taghhom, flimkien mad-danni u hsarat li l-attur soffra minhabba l-agir taghhom.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur stante illi fl-ewwel lok, kien l-istess attur illi insista mal-eccipjenti illi jeffettwaw xogholijiet fuq il-vettura tieghu, minkejja l-parir professjonali taghhom,

illi l-istess vettura kienet *beyond economical repair* u sussegwentement, l-istess attur irrifjuta illi jhallas ghat-tiswijiet effettwati mill-eccipjenti biex b'hekk tkun tista' tigi rilaxxjata lilu l-vettura, jew imqar illi jaghmel pagament akkont ulterjuri sabiex ikunu jistghu jigu finalizzati x-xogholijiet ta' tiswija;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, il-valur tal-vettura in kwistjoni ma jeccedix it-tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) u ghalhekk it-talba attrici hija ferm eccessiva;

3. Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti illi agixxew fuq insistenza tal-attur, kif gia' nghad, ma kkagunaw ebda danni lill-istess attur, u agixxew skond is-sengha u bl-ahjar diligenza indikata skond il-ligi, u l-istess eccipjenti ma jahtu xejn ghall-agir tal-attur kif fuq spjegat skond il-principju *volenti non fit iniuria*, b'dan illi m'hemm l-ebda ammont x'jigi likwidat favur l-attur in linea ta' danni;

4. Illi huwa effettivament dovut lill-eccipjenti hlas minghand l-attur ghat-tiswijiet u spejjez ancillari u relatati minnhom maghmula in konnessjoni mal-vettura in kwistjoni, liema pretensjoni tifforma l-mertu tal-kontro-talba pprezentata kontestwalment.

Il-konvenuti ipprevalew ruhhom mill-azzjoni tal-attur sabiex iharrkuh in via rikonvenzjonali kif ser jinghad. Fil-kontro-talba taghhom, il-konvenuti jghidu hekk:

1. Illi l-attur rikonvenut ha l-vettura Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni AAN 282, ghat-tiswija fil-garaxx tal-konvenuti rikonvenjenti, wara li din kienet garrbet hsarat f'incident stradali;

2. Illi dina l-vettura giet immanifatturata fl-1995 u l-valur taghha fis-suq meta din giet depozitata ghand il-konvenuti rikonvenjenti, ma kienx jeccedi t-tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) b'dan illi l-istess vettura kienet, effettivament, *beyond economical repair;*

3. Illi fil-fatt, il-konvenuti rikonvenjenti kienu avzaw lill-attur rikonvenut illi ma kienx ekonomikament vijabbli illi l-vettura tigi msewwija, u anke tawh parir sabiex ma jsewwix, izda l-attur rikonvenut baqa' jinsisti illi xorta wahda jsir ix-xoghol ta' tiswija;

4. Illi fuq tali insistenza da parti tal-attur rikonvenut, il-konvenuti rikonvenjenti accettaw illi jaghmlu tiswijiet u sahansitra kkoncedew lill-attur rikonvenut vettura minn taghhom, u dan ghamel uzu minnha ghal xi tliet xhur u ghalhekk bir-rata bazika ta' kumpens ghall-uzu ta' hames Liri Maltin u disghin centezmu (Lm5.90) kuljum, l-attur rikonvenut ghandu jaghti lill-konvenuti rikonvenjenti s-somma ta' hames mija u wiehed u tlettin lira Maltin (Lm531.00) f'dan ir-rigward;

5. Illi l-konvenuti rikonvenjenti ghamlu xoghol ta' *panel beating* u *spray painting* fuq l-imsemmija vettura, illi skond l-invoice relattiva (Dokument A) jammonta ghal hames mitt Lira Maltija (Lm500.00);

6. Illi l-konvenuti rikonvenjenti xtraw xi *parts* minghand TPG Autoparts Malta Limited, kif mitluba u awtorizzati mill-attur rikonvenut, sabiex ikunu jistghu jaghmlu x-xoghol mehtieg fuq il-vettura msemmija, kif dettaljat fir-rcevuta (Dokument B), liema *parts* jammontaw ghall-ispiza ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm725.50);

7. Illi, ghalhekk l-ispiza totali dovuta mill-attur rikonvenut lill-konvenuti rikonvenjenti tammonta ghal elf seba' mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1756.50);

8. Illi sal-gurnata tal-lum l-attur rikonvenut ghadu hallas lill-konvenuti rikonvenjenti biss is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), b'dan illi huwa dovut minnu l-ammont bilancjali ta' elf hames mija u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1506.50);

Il-konvenuti rikonvenjenti talbu lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur rikonvenut ghandu jhallas lill-konvenuti rikonvenjenti ghall-valur tax-xoghol illi huma ghamlu fuq il-vettura tieghu u spejjes ancillari u relatati, kif fuq premess;

2. Tillikwida, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont ta' hlas dovut mill-attur rikonvenut lill-konvenuti rikonvenjenti in konnessjoni mat-tiswijiet tal-vettura

msemmija u spejjes ancillari u relatati kif fuq premess, fl-ammont ta' elf hames mija u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1506.50), jew somma ohra verjuri;

3. Tikkundanna konsegwentement lill-attur rikonvenut sabiex ihallas lill-konvenuti rikonvenjenti s-somma ta' elf hames mija u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1506.50) jew somma ohra verjuri, dovuta kif fuq premess.

Bl-ispejjes u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-attur rikonvenut.

Rat ir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari t-talba ghall-hlas hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi t-talbiet fil-kontro-talba taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

3. Illi l-allegazzjonijiet maghmula huma inveritiera ghal kollox.

4. Illi l-attur rikonvenut m'ghandu jhallas l-ebda spejjes;

5. Illi t-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom.

Rat illi permezz ta' nota datata 15 ta' Settembru 2008, l-attur iddikjara li l-preskrizzjoni minnu eccepita kienet dik ai termini tas-sub-incizi (a) u (f) tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

Rat illi permezz ta' sentenza datata 1 ta' Marzu 2010, din il-Qorti diversament preseduta cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-attur rikonvenzjonat fir-risposta tieghu, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez rizervati.[1]

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

[1] Ara s-sentenza a *fol.* 36 tal-process.

Rat illi l-attur naqas milli jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu koncess u li waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2015 l-avukat difensur tal-attur iddikjarat li kienet qeghda tirrimetti ruhha ghall-atti prezentati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tal-lum stess li permezz tieghu ordnat li ai termini tal-Artikolu 810B tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili, din il-kawza titkompla f'isem il-mejjet attur u din is-sentenza tkun ezegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Hemm divergenza bejn il-partijiet dwar il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri, u ghalhekk, il-Qorti se taghmel sunt tal-fatti saljenti allegati mill-attur, kif ukoll tal-fatti saljenti allegati mill-konvenuti.

*Il-Verzjoni tal-Attur*

1. L-attur xehed li fis-sena 2002 kien xtara vettura tal-marka Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni AAN 282 ghal prezz ta' Lm2,500, liema vettura kienet tinstaq minn ibnu David Scerri. Inkluz fil-prezz il-vettura kellha *stereo system* li kienet tiswa' madwar Lm700.

2. Ghall-habta ta' Jannar 2005, iben l-attur kien habat b'din il-vettura u ghalhekk kienu haduha sabiex tissewwa fil-garaxx tal-konvenuti gewwa x-Xemxija. L-attur jispjega li l-konvenut Charles Mifsud kien accetta li jaghmel it-tiswijiet u sabiex ikun jista' jibda bix-xoghol l-istess konvenut kien talbu depozitu ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). L-attur jghid li huwa kien hallas dan id-depozitu u l-konvenut kien qallu li fi zmien xahrejn it-tiswijiet kellhom ikunu kompletati.

3. L-attur jghid li ma huwiex minnu li hu jew ibnu kienu accettaw li jikru vettura minghand il-konvenut, izda jinsisti li l-unika vettura li kien tahom il-konvenut kienet ghar-raguni li x-xogholijiet kienu qed idumu biex jitlestew u dan ghall-habta ta’ Jannar 2006 ghal perjodu ta’ gimghatejn sakemm din il-vettura skaditilha l-licenzja.

4. F’Gunju 2006, l-attur kien cempel lill-konvenut Charles Mifsud u ibnu l-konvenut l-iehor Darren Mifsud infurmah li seta’ jigbor il-vettura ghaliex it-tiswijiet kienu lesti. Izda wara li iben l-attur saq il-vettura ghal madwar ghaxar minuti, tant li kienu ghadhom waslu San Pawl il-Bahar, din kienet waqfet u meta cempel lill-konvenut Charles Mifsud dan kien qallu li l-vettura fil-fatt ma kinitx lesta.[2]

5. Peress li ibnu David Scerri kien dam zmien twil minghajr karozza u kien jahdem hinijiet matul il-lejl fejn it-trasport pubbliku ma kienx ikun disponibbli, dan kellu jikri appartament vicin il-post tax-xoghol tieghu b’kirja ta’ Lm100 kull xahar. Kien hemm okkazzjonijiet fejn kellu jikri ukoll vettura u dan dejjem minhabba l-fatt li kien ghamel zmien twil minghajr karozza.[3]

6. L-attur xehed li darba minnhom waqt li kien fuq xogholu bhala xufier tat-*taxi*, huwa kien rikkeb mieghu lill-konvenut Darren Mifsud li kien qallu li missieru l-konvenut l-iehor Charles Mifsud kien hafna drabi ma jsewwix il-vetturi sabiex il-klijent jaqta’ qalbu u mbaghad huma juzaw dik il-vettura ghall-*parts*.

*Il-Verzjoni tal-Konvenuti*

7. Il-konvenut Charles Mifsud xehed illi hu kien ta l-parir lill-attur li ma kienx vijabbli li tissewwa l-vettura peress l-ispiza biex jintxraw il-*parts* u jsiru t-tiswijiet kienet akbar mill-valur tal-vettura nnifisha li dak iz-zmien kien bejn tmienja u disa’ mitt lira Maltin (Lm800/900).

8. Il-konvenuti jinsistu li x-xogholijiet kienu damu ma nbdew ghaliex kellhom jordnaw il-*parts* mill-Ingilterra u sakemm dawn waslu kollha kienet ghaddiet sena u nofs. Il-

[2] Ara l-affidavit ta’ Mario Scerri a *fol.*45 tal-process.
[3] Ara xhieda ta’ Darren Scerri a *fol.* 74 tal-process. Ara wkoll dokument V a *fol.*71 tal-process minn fejn jirrizulta li bejn Gunju 2005 u Dicembru 2006 iben l-attur David Scerri kien kera vetturi minghand Autorentals Co.Ltd ghal valur totali ta’ Lm600.

konvenut Charles Mifsud xehed li waqt ix-xogholijiet huwa ma kien ircieva l-ebda pagament. Jghid li ftit qabel ma lesta mix-xogholijiet, kien informa lil iben l-attur li x-xoghol tieghu kien ta' madwar Lm500 oltre l-valur tal-*parts*. Kien f'dan l-istadju li l-konvenut talab il-hlas ta' depozitu ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), liema depozitu gie mhallas mill-attur u ghalhekk il-konvenuti kienu komplew bix-xogholijiet.

9. Il-konvenut Charles Mifsud jinsisti li l-attur u ibnu kienu accettaw li jikru vettura minghandu ghall-perjodu ta' tlett xhur, u mhux kif qieghed jallega l-attur li l-konvenut kien tahom vettura ghal gimghatejn biss u minghajr hlas.

10. Dwar l-episodju li sehh f'Gunju 2006, qabel ma iben l-attur irtira l-karozza mill-garaxx tal-konvenuti, Charles Mifsud xehed li hu kien ghamel perjodu ta' madwar gimghatejn isuq l-istess vettura biex jippruvaha. Il-konvenut Charles Mifsud kien irrabbja ma' ibnu peress li ma riedx li jirrilaxxja l-vettura qabel ma jithallas dak li kien dovut lilhom. Il-konvenuti jinsistu li kienu ghaddew madwar tlett ijiem sakemm iben l-attur kien rega' cempel lill-konvenut Charles Mifsud u nfurmah li l-vettura kienet regghet waqfitlu. Skond il-konvenuti, din id-darba l-hsara kienet fix-*shaft* tar-rota ta' quddiem tax-xellug li nkiser b'konsegwenza ta' habta gdida u dan peress li wara li Charles Mifsud kien ezamina l-vettura kien irrizultalu li kien hemm daqqa fuq ix-xellug lejn ir-rota li kienet milwija. F'dan l-istadju huwa kien ippropona li jinxtara *shaft* gdid izda iben l-attur David Mifsud kien qallu biex minflok jordnalu wiehed uzat.[4]

11. Il-konvenuti jghidu li sakemm wasal dan ix-*shaft* kienu rcevew l-atti ta' din il-kawza u ghalhekk il-vettura baqghet ghandhom peress li ghadhom ma thallsux ghax-xogholijiet u l-ispejjez li kienu ghamlu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Il-Kawza Principali*

[4] Ara xhieda ta' Charles Mifsud a *fol.* 86 tal-process u x-xhieda ta' Darren Mifsud a *fol.* 112 tal-process.

Permezz tal-azzjoni principali, l-attur qed jitlob li l-konvenuti jhallsuh is-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm4,600) rapprezentanti l-valur tal-vettura Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni AAN 282 li tinsab fil-pussess tal-konvenuti, oltre danni u hsarat ikkagunati lilu mill-konvenuti.

Il-konvenuti ressqu erba' eccezzjonijiet kontra t-talba attrici. L-ewwel tlett eccezzjonijiet ser jigu trattati u decizi fil-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti ser taghmel dwar il-kawza principali. Ir-raba eccezzjoni ser tigi trattata u deciza fil-kunsiderazzjonijet li sejrin isiru dwar it-talba rikonvenzjonali stante li din hija fis-sens li l-konvenuti jallegaw li huwa l-attur li ghandu jhallashom ghat-tiswijiet u spejjez ohra li huma ghamlu in konnessjoni mal-istess vettura.

Inoltre, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti ssollevaw zewg eccezzjonijiet godda. L-ewwel wahda hija fis-sens li r-rikors promotur huwa null ghaliex ma tirrizultax b'mod car il-bazi tal-azzjoni attrici. It-tieni wahda tolqot l-interess guridiku tal-attur fir-rigward tad-danni allegatament sofferti minnu. Il-Qorti tirrileva li mhux se tiehu konjizzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet sollevati ghall-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, u dan in konformita' ma' dak li tipprovdi l-ligi tal-procedura u wkoll in konformita' ma' gurisprudenza kostanti f'dan ir-rigward. Fis-sentenza **Fogg Insurance Agencies Limited vs Raymond Azzopardi**, deciza fil-25 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:

*"Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezzjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas f'dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx. (Ara Kollez. Vol. XXXV p1 p410 u Vol XXXVIII pII p583).*

*Il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kellha titqajjem "ope exceptionis" in kwantu din fis-sustanza vera taghha hi ta' indoli procedurali u preliminari li ma setghetx aktar titqajjem fi stadju inoltrat tal-proceduri. Kif drabi ohra rilevat "la buona fede bejn il-partijiet, indotta mill-accettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, tal-ekonomija taz-zmien u l-ispejjez ghal partijiet u lanqas l-uzu sewwa tal-ministeru tal-Qorti ma jippermettu li jsir hekk" (Kollez. Vol. XLIX p1 p138)".*

[5] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li ma jkunx gust u ekwu li fi stadju daqstant inoltrat tal-kawza fejn din thalliet ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet, l-attur ikun rinfaccat b'linja ta' difiza gdida minghajr ma tigi osservata l-ligi ta' procedura. Ghaldaqstant, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet godda sollevati mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

*L-Ewwel Eccezzjoni – Ix-xogholijiet saru kontra l-parir tal-konvenuti u kien l-attur li rrifjuta li jhallas*

Il-konvenuti isostnu illi huma kienu taw parir lill-attur li ma kienx vijabbli li l-vettura tigi msewwija stante li l-valur tat-tiswijiet kien jeccedi l-valur tal-vettura. Sussegwentement, isostnu li huma zammew il-vettura u rrifjutaw li din tigi rilaxxata stante li l-attur irrifjuta li jhallas ghal dawn it-tiswijiet.

Il-Qorti tosserva li l-azzjoni attrici ma hijiex mibnija fuq il-premessa li l-konvenuti tawh parir hazin meta gie deciz li l-vettura ghandha tissewwa. It-talba tal-attur tista' tigi maqsuma fi tnejn. Fl-ewwel lok hemm it-talba rapprezentanti l-valur tal-vettura mertu tal-kawza, li dwarha hemm qbil bejn il-partijiet li din kienet u ghadha fil-pussess tal-konvenuti. Fit-tieni lok, l-attur jallega li b'konsegwenza tad-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet da parti tal-konvenuti huwa ssubixxa d-danni.

Ghalhekk il-Qorti ser tibda' billi titratta u tiddeciedi jekk fin-nuqqas ta' hlas da parti tal-attur, il-konvenuti kellhomx il-jedd li jzommu l-vettura fil-pussess taghhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti ressqu l-argument li huma setghu izommu l-vettura ai termini tal-artikolu 1919 tal-Kodici Civili, liema artikolu jipprovdi hekk:

> "***1919.*** *Id-depożitarju jista' jżomm f'idejh id-depożitu sakemm jitħallas għal kollox ta' dak kollu li jkollu jieħu minħabba dak id-depożitu.*"

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li f'dan il-kaz il-vettura kienet giet fdata f'idejn il-konvenuti ghall-iskop li jsiru t-tiswijiet necessarji ghall-hsarat li l-vettura kellha b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku. Permezz ta' din l-ewwel eccezzjoni taghhom, il-

konvenuti qeghdin jinvokaw l-*ius retentionis*, ossija d-dritt moghti lilhom mill-ligi li jzommu l-oggett li fuqu jkunu ghamlu xi xogholijiet sakemm jithallsu ta' xogholhom u tal-ispejjez li jkunu ghamlu fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet.

Fis-sentenza fl-ismijiet **DBC Limited gja' D. Burke Company Limited vs John Attard**, deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6], gie ritenut hekk: "*Illi dwar il-jedd ta' kreditur li jżomm il-ħaġa tad-debitur fil-pussess tiegħu, jingħad li l-liġi tagħna tagħti għarfien limitat f'dan ir-rigward: madankollu torbot il-jedd taż-żamma tal-ħaġa mal-eżistenza ta' jedd mogħti mil-liġi. Fi kliem ieħor, mhux kull min jemmen li għandu jedd jitnissel favurih il-ius retentionis: tali jedd irid ikun mogħti lilu espressament mil-liġi… Dan japplika wkoll fejn ikun hemm rabta bejn il-ħaġa miżmuma u l-kreditu tal-presuna li tippretendi li tista' tibqa' żżomm dik il-ħaġa*".

Is-sentenza fl-ismijiet **Dominic Palmier vs Michael Falzon**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7], kienet titratta kaz b'fattispecje simili hafna ghal dawk tal-kaz odjern. F'dik is-sentenza il-Qorti irriteniet illi:

*"Ghalkemm fid-duttrina hemm dibattitu dwar jekk il-ius retentionis jinghatax biss fil-kazijiet espressament imsemmija fil-ligi jew jinghatax ukoll f'kazijiet ohra b'analogija, is-sentenzi jaqblu ma' dik l-interpretazzjoni li tghid illi hemm dak il-jedd kull meta min ghandu f'idejh hwejjeg haddiehor "abbia fatto per la cosa posseduta una spesa, della quale ha il diritto di reclamare il pagamento dal proprietario,"[8] basta hemm debitum cum re iunctum – li d-dejn inholoq ghall-hlas tal-spejjez u l-obbligu tar-radd tal-haga nholqu mill-istess fatt jew negozju.*

*Fil-kaz tallum sehhew dawk il-kondizzjonijiet: id-dejn huwa cum re iunctum, għax l-ispejjeż saru fuq il-karrozza miżmuma mill-konvenut, u l-obbligazzjoni tal-attur għall-ħlas tal-ispejjeż u dik tal-konvenut għar-radd tal-vettura nħolqu mill-istess negozju, meta l-attur ħalla l-karrozza f'idejn il-konvenut biex dan jagħmel xogħol fuqha. Mela ladarba għadu ma tħallasx għax-xogħol u l-ispejjeż li għalihom jistħoqqlu ħlas, il-konvenut għandu ius retentionis fuq il-karrozza sakemm jitħallas.*"

---

[6] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef
[7] *Per* Imhallef Giannino Caruana Demajo
[8] *Zacharie Vol II pag. 59; ara Saviour Attard vs Anthony Vella, Prim'Awla 20 t'Ottubru 2005.*

Applikati dawn l-insenjamenti ghal kaz odjern, mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti ghandhom jitqiesu bhala depozitarji tal-vettura stante li l-attur kien ikkunsinna l-vettura tieghu ghandhom bil-ghan li l-konvenuti jwettqu t-tiswijiet necessarji. L-attur ma huwiex jikkontendi li l-konvenuti ma ghamlux ix-xogholijiet ta' tiswija, izda l-kontestazzjoni tieghu hija relatata mal-fatt li huwa subixxa danni peress li dawn it-tiswijiet hadu zmien twil biex saru, u li dawn l-istess tiswijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha billi jsostni li ftit minuti wara li ibnu irtira l-vettura mill-garaxx tal-konvenuti din regghet zviluppat hsarat. Jekk din l-allegazzjoni tal-attur ser tirrizulta ppruvata dan ikun ifisser li l-attur ma jkunx tenut ihallas lill-konvenuti l-valur (jew parti minnu) tax-xogholijiet imwettqa minnhom.

Madankollu, ma jirrizultax li l-attur qieghed jikkontendi li l-konvenuti ma xtrawx il-*parts* ghal total ta' Lm725.50[9] jew li dawn l-istess *parts* ma kellhom l-ebda utilita' ghat-tiswijiet tal-vettura tieghu. Lanqas ma hemm kontestazzjoni li l-unika pagament mwettaq mill-attur kien fis-somma ta' Lm250, u ghalhekk f'ammont inferjuri ghall-valur ta' dawn il-*parts*.

Jirrizulta kunflitt fil-verzjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-kwalita' tax-xoghol. L-attur u ibnu sostnew li l-vettura kienet regghet zviluppat il-hsara dakinhar stess ftit minuti biss wara li kienu irtiraw il-vettura minghand il-konvenuti. Minn naha l-ohra, l-konvenuti jsostnu li x-xogholijiet saru skond l-arti u s-sengha, tant li l-konvenut Charles Mifsud kien ghamel perjodu ta' zmien isuq il-vettura sabiex jivverifika li kienet qeghda tiffunzjona tajjeb. Jghidu li mid-data meta iben l-attur kien irtira l-vettura mill-garaxx taghhom ghal habta ta' Gunju tas-sena 2006, kienu ghaddew madwar tlett ijiem sakemm iben l-attur kien rega' cempel lill-konvenut Charles Mifsud u infurmah li l-vettura kienet regghet waqfet. Il-konvenuti jattribwixxu l-hsara li garrbet il-karozza f'din it-tieni okkazzjoni ghal incident gdid indipendenti mit-tiswijiet li kienu ghadhom kif ghamlu fuq il-vettura. F'dan ir-rigward, Tony Caruana xehed li meta kien mar fuq il-post sabiex jittowja l-vettura kien ra r-rota mwahhla. Jispjega li dan generalment tigri meta ikun hemm daqqa fil-vettura.[10]

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti ssib li fir-rigward tal-kwalita' tax-xoghol hija aktar attendibbli l-verzjoni tal-konvenuti. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Qorti tqis li hija verosimili l-verzjoni tal-konvenut Charles Mifsud li huwa kien ghamel xi granet jipprova

[9] Ara Dok B a *fol.* 14 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Tony Caruana a *fol.* 140 tal-process.

l-vettura qabel ma din giet rilaxxata lil iben l-attur u li f'dak il-perjodu taz-zmien il-vettura kienet qeghda tiffunzjona tajjeb. Bl-istess mod, hija wkoll verosimili l-verzjoni tieghu meta jghid li kien irrabja ma ibnu ghaliex kien irrilaxxa l-vettura minghajr ma gie saldat il-hlas tax-xogholijiet. Minn naha l-ohra, ma hija xejn kredibbli l-verzjoni tal-attur u ibnu li ftit minuti biss wara li rtiraw il-vettura din zviluppat hsara gdida fis-sens li nkissrilha x-*shaft* tar-rota ta' quddiem. Il-kagun tal-hsarat fit-tieni okkazzjoni kienu frott ta' habta gdida li b'konsegwenza taghha l-vettura soffriet hsarat godda, u ghalhekk tqis li f'din l-okkazzjoni l-vettura kellha bzonn tiswijiet ulterjuri differenti minn dawk li sehhew fl-ewwel cirkostanza. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li x-xoghol maghmul mill-konvenuti kien sar skond is-sengha u l-arti.

Isegwi ghalhekk li l-konvenuti ghandhom kreditu fil-konfront tal-attur fir-rigward tal-vettura mertu tal-kawza u konsegwentement ghandhom il-*ius retentionis* sakemm jithallsu dak lilhom dovut. Bil-fatt li l-konvenuti zammew ghandhom din il-vettura huma kienu qeghdin jaghmlu uzu ta' jedd taghom fil-qies li jmiss, u ghalhekk kif jipprovdi l-artikolu 1030 tal-Kodici Civili ma ghandhomx iwiegbu ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu. Konsegwentement, din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija misthoqqa stante li t-talba tal-attur ghall-valur tal-vettura ma tistax tintlaqa'.

*<u>It-Tieni Eccezzjoni – It-Talba attrici hija eccessiva</u>*

Permezz ta' din it-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jecepixxu li t-talba attrici hija wahda eccessiva stante li l-valur tal-vettura ma jeccedix it-tmien mitt Lira Maltija (Lm800). In vista ta' dak deciz fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, il-valur tal-vettura tal-attur ma huwiex rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kawza odjerna. Madankollu t-talba attrici li hija ghas-somma komplessiva ta' Lm4,600 ma hijiex limitata biss ghal valur tal-vettura. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ser tigi michuda.

*<u>It-Tielet Eccezzjoni – Volenti Non Fit Injuria</u>*

L-attur qieghed jitlob ukoll il-hlas tad-danni u hsarat ikkagunati lilu minhabba d-dewmien fix-xogholijiet u jsostni li b'konsegwenza ta' dan id-dewmien, ibnu kien ghamel diversi xhur minghajr karozza u ghalhekk kellu jikri appartament vicin tax-xoghol tieghu, u ghal xi zmien

kellu wkoll jikri vettura minghand terzi. F'dan ir-rigward, l-attur esebixxa sett ta' ricevuti minn fejn jirrizulta li ibnu David Scerri kien ihallas is-somma ta' Lm95 kull xahar ghal kiri ta' appartament u Lm10 bhala depozitu fuq il-konsum tad-dawl u ilma u dan ghal perjodu bejn Mejju 2005 u Ottubru 2006.[11] Dwar il-kirja tal-vettura, l-attur esebixxa dikjarazzjoni datata 30 ta' Marzu 2011 mahruga minn John Refalo ghan-nom ta' Auto Rentals Co. Ltd li tikkonferma li iben l-attur kien perjodikament kera vettura minghand din il-kumpannija fil-perjodu bejn Gunju 2005 u Dicembru 2006 ghal valur ta' Lm600.

Fir-rigward ta' dawn ir-ricevuti u din id-dikjarazzjoni, il-Qorti tinnota li dawn ma gewx konfermati mill-persuna li hargithom. Ghalkemm kif jippreskrivi l-artikolu 559 tal-Kodici ta' Procedura Civili *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib*", gie diversi drabi ritenut li dan ma jfissirx li kull prova ohra trid tigi skartata mill-Qorti. Fis-sentenza fl-ismijiet **Iris Dalmas vs Mons Joseph Dalmas** deciza fit-12 ta' Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[12] irriteniet hekk:

*"Hi regola ben assodata illi meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm ċirkostanzi partikolari u speċjali li jistgħu jispjegaw għaliex ma tistax issir, hu dmir tal-ġudikant li jirriċerka provi ohra li jissodisfawh... ... Il-principju tal-piz tal-prova ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt, kostituttiv ta' dritt vantat u pretiz, trid tigi rikavata eskluzivament minn prova wahda, u dik biss. Hu sew maghruf illi wiehed jista' jutilizza elementi ohra probatorji akkwiziti mill-process. Fl-ordinament guridiku taghna, kif gja fuq espress, ivigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti b' kull mod purke dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Xejn ma hu eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni ta' xi prova fornita mill-kontroparti. L-importanti hu li l-parti fil-proceduri tipprova u ssostni l-fatt li hu ghab-bazi tad-dritt taghha;*

Ghalhekk il-prova li tingieb fl-assenza tal-ahjar prova trid tkun konvincenti. Fid-dawl ta' din l-insenjament, f'dan il-kaz il-Qorti tqis li ghalkemm dawn ir-ricevuti u din id-dikjarazzjoni ma gewx konfermati mill-persuna li hargithom, xorta wahda dawn ghandhom valur probatorju u ghalhekk ser tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwarhom fl-isfond tal-pretiza tal-attur. Ghar-ragunijiet gja moghtija aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti mhux ser

[11] Ara f'dan ir-rigward ir-ricevuti immarkati bhala Dok A sa Dok R a *fol.* 51 *et seq* tal-process.
[12] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

tikkundisra l-kwistjoni jekk l-attur ghandux interess guridiku sabiex jitlob dawn il-hlasijiet stante li din il-kwistjoni ma gietx sollevata permezz ta' eccezzjoni formali kif titlob il-ligi.

Il-konvenuti jsostnu li d-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet kien dovut ghall-fatt li l-attur kien insista li kien ried li jinxtraw *parts* uzati. Jghidu li huma kienu avzawh li sabiex jaslu dawn il-*parts* mill-Ingilterra kien se jghaddi hafna zmien. Il-konvenuti esebew fattura datata 4 ta' Mejju, 2005 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti kienu xtraw il-parts minghand TPG Malta Ltd. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-parts kienu f'idejn il-konvenuti madwar erba' xhur wara li l-attur ikkonsenja l-vettura ghandhom ghat-tiswijiet. Minn dan isegwi li minn Mejju 2005 sa Gunju 2006 meta l-vettura giet rilaxxata l-ewwel darba mill-konvenuti kien ghadda perjodu ta' 'l fuq minn sena. Mill provi prodotti l-konvenuti ma rnexxilhomx jiggustifikaw dan id-dewmien u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attur huwa gustifikat fit-talba tieghu ghad-danni kkagunati minn tali dewmien.

Madankollu, l-attur qieghed jitlob hlasijiet ghaliex isostni li b'kawza ta' dan l-agir da parti tal-konvenuti, ibnu kien "*gie kostrett jikri flat*" u li ibnu "*kien ghamel habta jikri karozzi tal-kiri*". F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-principju li jirregola kawzi ghal danni huwa dejjem li l-vittma ghandha sa fejn huwa possibbli timinimizza l-*quantum* tad-danni sofferti minnha. Diversi kienu d-decizjonijiet li sahqu dan il-principju. B'mod partikolari, fis-sentenza fl-ismijiet **John Xuereb vs James Edward Livick et**, deciza fit-3 ta' Novembru 1956, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] nislet zewg principji li ghandhom jigu kkunsidrati minn gudikant, u cioe':

"*1. Jekk id-danneggjat setghax jew le inaqqas il-hsara;*
*2. Jekk, kieku kellu inaqqasha ... ... kienx ser jippregudika l-propjeta' tieghu, f'liema kaz ma kienx tenut inaqqasha.*"

Minn dan isegwi li d-danneggat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara. Il-kwistjoni ta` x'inhu ragjonevoli li jaghmel iddanneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta` fatt li ghandha tigi kkunsidrata fic-cirkostanzi ta` kull kaz partikolari. Fid-dawl tal-insenjament hawn fuq riportat, il-Qorti hija tal-fehma li la darba iben l-attur kien qieghed jikri vettura alternattiva sabiex jaghmel uzu minnha, ma kienx hemm il-htiega li fl-istess perjodu jikri appartament sabiex ikun aktar vicin tax-xoghol tieghu. Hija nieqsa l-prova

[13] *Per* Imhallef Harding

da parti tal-attur dwar kemm il-darba ibnu kien kostrett jikri vettura alternattiva stante li d-dikjarazzjoni minnu esebita hija limitata biss ghal perjodu bejn Gunju 2005 u Dicembru 2006 minghajr ma tispecifika kemm il-darba f'dan il-perjodu l-vettura giet mikrija. Jekk il-Qorti jkollha taccetta din il-pretiza tal-attur, dan ikun ifisser li huwa ikun qieghed jitqieghed f'posizzjoni ahjar milli kien fiha qabel ma gie kkawzat id-dannu u dan billi minflok ma iben l-attur baqa jabita gewwa l-Pieta' fejn kien jehtieglu li jaghmel tragitt sabiex jasal fil-post tax-xoghol tieghu, ikun mar jabita f'appartament vicin fejn dak it-tragitt ma kienx aktar mehtieg, u fl-istess waqt ikun qieghed jigi kkumpensat tal-ispiza relattiva ghall-kiri ta' vettura alternattiva.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghall-valur tal-kiri ta' vettura alternattiva fl-ammont ta' Lm600 u konsegwentement anke din it-tielet eccezzjoni ser tigi michuda.

<u>*Kontro-Talba tal-Konvenuti*</u>

Permezz tat-talba rikonvenzjonali, il-konvenuti qeghdin jitolbu li l-attur jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' Lm1,506.50 rapprezentanti bilanc dovut lilhom ghal xogholijiet ta' tiswija li wettqu fil-vettura tal-attur, oltre l-ispejjez relattivi ghax-xiri ta' *parts*. In oltre, l-konvenuti qeghdin jitolbu wkoll kumpens relattiv ghal uzu ta' vettura taghhom li allegatament ghamel l-attur ghal perjodu ta' tlett xhur.

Mill-provi prodotti jirrizulta li hemm divergenza kbira fil-verzjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-kirja tal-vettura li l-konvenuti allegatament ikkoncedew lill-attur. Il-konvenuti qed jitolbu s-somma ta' Lm531 bir-rata ta' Lm5.90 kuljum ghall-perjodu ta' tlett xhur. L-attur isostni li l-konvenuti ma krewlu l-ebda vettura u l-unika vettura li kienu tawh kienet ghal perjodu ta' gimghatjen u minghajr hlas bhala kumpens tad-dewmien li kienu qeghdin jiehdu t-tiswijiet. Mill-provi prodotti ma tirrizulta l-ebda prova dokumentarja in sostenn tal-verzjoni tal-konvenuti u li tindika il-perjodu li matulu allegatament saret din il-kirja u r-rata ta' hlas maqbul bejn il-partijiet. Huwa principju baziku fil-kamp civili li min jallega fatt ghandu l-oneru li jipprovah. Meta parti f'kawza tonqos milli tipprova dak minnha allegat, il-parti l-ohra ma ghandhiex tbati minn tali nuqqas. In mankanza ta' tali prova u fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-

attur, il-Qorti tqis li din il-parti tat-talba rikonvenzjonali ma gietx sodisfacentement ippruvata u ghalhekk mhux ser tigi milqugha.

Fir-rigward tat-talba ghall-hlas relattiv ghax-xogholijiet imwettqa mill-konvenuti fuq il-vettura tal-attur, il-konvenuti esebew fattura minn fejn jirrizulta li l-valur ta' dawn ix-xogholijiet huwa fis-somma ta' Lm500.[14] In oltre, il-konvenuti qeghdin jitolbu wkoll il-hlas ta' Lm725.50 ghall-*parts* li huma xtraw ghall-vettura tal-attur, u dan a bazi tal-fattura datata 4 ta' Mejju, 2005.[15] Hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur kien hallas depozitu fis-somma ta' Lm250, liema somma ghandha tigi mnaqqsa mill-ammont dovut lill-konvenuti. Il-kwistjoni dwar il-kwalita' ta' dawn ix-xogholijiet diga giet deciza f'dik il-parti ta' din is-sentenza rigwardanti l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti fejn il-Qorti sabet li dawn gew imwettqa skond l-arti u s-sengha, u a skans ta' ripetizzjoni il-konsiderazzjonijiet hemmhekk maghmula mhux ser jigu hawnhekk riprodotti.

Konsegwentement, it-talba tal-konvenuti relattiva ghal tali tiswijiet ser tigi milqugha, b'dana illi miz-zewg ammonti ta' Lm500 u Lm725.50 dovuti lill-konvenuti ghandha tigi mnaqqsa s-somma ta' Lm250 mhallsa mill-attur lill-konvenuti bhala depozitu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti limitatament fis-sens li tiddikjara li l-konvenuti kellhom il-jedd li jzommu l-vettura tal-attur sakemm isir il-hlas dovut lilhom, b'dana li l-konvenuti ghandhom iroddu l-istess vettura lill-attur fl-istess waqt li l-attur ihallas dak dovut lill-konvenuti kif ser jigi deciz fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali;

2. Tilqa r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti;

3. Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti;

[14] Ara Dok A a *fol.* 13 tal-process.
[15] Ara Dok B a *fol.*14 tal-process.

4. Tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) ekwivalenti ghal elf tlett mija u sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62), u tichadha ghall-kumplament tas-sorte pretiz;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62);

6. Tichad it-tieni, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat;

7. Tilqa' in parte it-tielet eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat;

8. Tilqa' t-talba rikonvenzjonanti limitatament ghas-somma ta' disa' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm975.50) ekwivalenti ghal elfejn mitejn u tnejn u sebghin euro u tletin centezmu (€2,272.30), u tichadha ghall-kumplament;

9. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti s-somma ta' elfejn mitejn u tnejn u sebghin euro u tletin centezmu (€2,272.30), bl-imghaxijiet mit-2 ta' Mejju 2007 (data tal-prezentata tat-talba rikonvenzjonali) sad-data tal-pagament effettiv.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tas-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, diversament preseduta tal-1 ta' Marzu 2010, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**